MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 77/2004/1

**It-Tabib Principali tal-Gvern**

**v.**

**Dr. Mario Bonnici**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-30 ta’ Jannar 2004 li tghid hekk:
“Illi Mario Bonnici waqt li kien impjegat fis-Servizz Civili fid-Dipartiment tas-Sahha bhala Professional Medical Officer, intbaghat jaghmel diversi korsijiet f’pajjizi esteri.

“Illi huwa kien obbliga ruhu permezz ta’ tlett kuntratti tat-12 ta’ Dicembru, 1986, ta’ l-4 ta’ April, 1988 u tat-30 ta’ Marzu, 1989 illi jaghti servizz lil Gvern wara li jtemm il-korsijiet b’success u fin-nuqqas li jaghti dan is-servizz jirrifondi s-somma komplessiva ta’ hdax il-elf tlett mija hamsa u sittin Lira Maltija u sebgha w tletin centezmu u seba’ millezmi (Lm11,365.37.7).

“Illi huwa naqas li jaghti dan is-servizz pretiz minnu u naqas li jirrifondi s-somma msemmija.
“Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi dikjarat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti illi:

“1. Il-konvenut naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu billi ma tax is-servizz lil Gvern meta temm il-korsijiet b’success;

“2. Tikkundannah ihallas is-somma ta’ hdax-il elf, tlett mija, hamsa u sittin Lira Maltija u sebgha u tletin centezmi u seba’ millezmi (Lm11,365.37.7).

“Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Marzu, 2003 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 29) li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi preliminarjament il-fuq imsemmija citazzjoni hija nulla stante li minnha ma jirrizultax minn liema Qorti nharget kif jistipula l-artikolu 174(1)(a) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili w ghalhekk il-konvenut eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur;

“2. Illi wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, il-fuq imsemmija citazzjoni hija wkoll nulla ghaliex Dr. John Cachia, li halef id-dikjarazzjoni akkompanjanti l-istess citazzjoni, ma jokkupax il-kariga ta’ Tabib Principali tal-Gvern li huwa l-attur f’din il-kawza w ghalhekk l-istess citazzjoni mhix akkompanjata minn dikjarazzjoni mahlufa mill-attur kif jiddisponi l-artikolu

156(3) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u jsegwi li, ghal din ir-raguni wkoll, il-konvenut eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur;

“3. Illi dejjem prelimimarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari, it-Tabib Principali tal-Gvern irid jipprova rapport guridiku mal-konvenut eccipjent kif ukoll irid jipprova l-locus standi tieghu f’din il-kawza u, fin-nuqqas ta’ dawn il-provi, il-konvenut eccipjent irid jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur;

“4. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien il-Gvern ta’ Malta stess li kiser l-obbligi tieghu fil-konfront tal-konvenut eccipjent tant li l-konvenut eccipjent sab lilu nnifsu f’pozizzjoni li ma setax jibqa’ fl-impieg mal-Gvern ta’ Malta minhabba l-istat hazin u nuqqas ta’ facilitajiet li fihom kien qieghed jigi mistenni jaqdi d-dmirijiet tieghu (Dokumenti 3 sa 22) u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

“5. Illi dejjem fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel erba’ eccezzjonijiet, meta l-konvenut eccipjent sab lilu nnifsu fil-pozizzjoni li ma setax ikompli fl-impieg mal-Gvern ta’ Malta minhabba nuqqasijiet gravi da parti ta’ l-attur, l-istess konvenut eccipjent ikkomunika ma’ l-attur permezz ta’ ittra tat-2 ta’ Marzu, 1993 (Dokument 1) fejn l-attur gie mitlub jinforma lill-konvenut eccipjent xi tkun il-penali li jista’ jkollu jhallas jekk jirrezenja minhabba r-raguni msemmija u b’ittra in data 5 ta’ Marzu, 1993, (Dokument 2) il-konvenut eccipjent gie nfurmat mis-Sur S. Lautier, ghan-nom ta’ l-attur, illi tali penali tkun ta’ hamest elef, sitt mija u tlett liri Maltin (Lm5,603.00) u mhux ta’ hdax-il elf, tlett mija u hamsa u sittin lira Maltija, sebgha u tletin centezmi u seba’ millezmi (Lm11,365.37.7) kif pretiz mill-attur, u ghalhekk peress illi l-konvenut eccipjent agixxa in buona fede ghab-bazi ta’ l-ittra tal-5 ta’ Marzu, 1993 Dokument 2 u anke fid-dawl ta’ l-istipulazzjonijiet fl-att pubbliku tat-30 ta’ Marzu, 1989 (Dokument BG4 ezibit

ma' l-att tac-citazzjoni), il-pretensjoni attrici hija eccessiva u bhala tali ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

"6. Illi dejjem fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel hames eccezzjonijiet, b'riferiment ghall-att pubbliku tat-12 ta' Dicembru, 1986 (ezibit Dokument BG2 ma' l-att tac-citazzjoni), il-konvenut eccipjent ghamel is-sena fis-servizz tal-Gvern ta' Malta wara li rritorna mill-kors fl-Universita' ta' Belgrade kif stipulat fl-istess att pubbliku u bl-istess mod, b'riferiment ghall-att pubbliku ta' l-4 ta' April, 1988 (Dokument BG3 ezibit mac-citazzjoni), huwa ghamel is-sena fl-impieg mal-Gvern ta' Malta wara li rritorna mill-kors fir-Royal College of Surgeons, Edinburgh l-Iskozja stante li l-konvenut eccipjent irrizenja fis-7 ta' Frar,1994 (Dokument 3 hawn ezibit) u ghalhekk l-attur irid jipprova l-pretensjoni tieghu taht l-att pubbliku tat-13 ta' Marzu, 1989 (Dokument BG4 ezibit mac-citazzjoni) tenut kont, l-ewwel tal-fatt illi l-konvenut eccipjent ghamel sena u xahar fl-impieg mal-Gvern wara li rritorna mill-kors fl-oftalmija fl-Universita' ta' Munich fil-Germanja u t-tieni, tal-fatt li l-kreditu pretiz fuq dan l-ahhar imsemmi att pubbliku huwa ta' erbat elef, tmien mija w ghoxrin lira Maltija (Lm4,820) tant li l-ipoteka generali kontra l-konvenut eccipjent favur il-Gvern fuq dan l-imsemmi att pubbliku huwa ta' Lm4,820;

"Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."

Rat li fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2004, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-konvenut irtira t-tieni eccezzjoni tieghu;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju, 2004 (fol. 79 tal-process), li in forza taghha dik il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi wara li qieset li l-konvenut naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu billi ma tax is-servizz lill-Gvern meta temm il-korsijiet b'success, ikkundannat lill-konvenut ihallas is-

somma ta’ Lm11,365.37,7 (illum €26,474.20) bl-ispejjez kontra tieghu u bl-imghax mis-26 ta’ Marzu, 2003;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“F’dina l-kawza l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta’ Lm11,365.37.7 minghand il-konvenut li naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu billi ma tax is-servizz lill-Gvern li kien intrabat li jaghti meta temm b’success il-korsijiet li hu kien intbaghat isegwi.

“Il-konvenut wiegeb li t-tort kollu ta’ dak li gara jaqa’ biss fuq spallejn id-Dipartiment tas-Sahha u li ma jhossx li ghandu ebda obbligu lejn id-Dipartiment ghax kull ma ghamel kien li telaq mill-kaos li kien jezisti fl-Isptar.

“Skond il-kuntratti ezibiti l-Gvern kellu jhallas ghal dawn il-korsijiet u l-konvenut jinghata *paid study leave*, mentri l-konvenut kellu jaghti servizz ta’ hames snin lill Gvern fl-Isptar u fin-nuqqas jirrifondi l-flus li hariglu l-Gvern.

“L-attur jissottometti li hu ghamel il-parti tieghu ta’ l-obbligazzjoni mentri l-konvenut irrezenja wara tlettax il-xahar li gie lura minn barra. Il-konvenut pero’ jghid li l-kwistjoni ma kienitx daqshekk semplici. Hu jissottometti li kellu jirrizenja mis-servizz mal-Gvern fl-Isptar (l-attur jitkellem hawnhekk dwar *constructive dismissal*) billi s-servizz li gie mgieghel jaghti kien hazin u taht il-kapacitajiet tieghu li gie imharreg ghalihom. Il-konvenut jirritjeni li l-Gvern gab lilu nnifsu mieghu b’mod irragjonevoli (per ezempju ma nghatax mezzi biex jahdem sew); gie umiljat u espasperat (ez ma nghatax *promotion* –ittra a fol. 48) u kellu jaghtih disservizz lill pazjenti u ghalhekk giex mgieghel li jitlaq. Jghid li kien l-attur li kiser l-obbligi tieghu billi naqas mid-*duty of co-operation* u rapport ta’ *trust u confidence* li huma impliciti f’kull kuntratt ta’ impieg.

“L-attur wiegeb min-naha l-ohra li l-ilmenti li jsemmi l-konvenut fl-affidavit tieghu huma biss skuzi biex jiggustifika l-fatt li rrizenja qabel iz-zmien u biex ma jhallasx.

“Il-Qorti semghet ix-xiehda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezibiti u tasal ghal konkluzzjoni li l-konvenut naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu li hu kien assuma u ffirma ghalihom.

“Il-Qorti tibda biex tosserva li qabel ma l-konvenut inghata li *scholarship* u anke meta gie lura Malta ghal ftit ta’ zmien biex ikompli jahdem l-Isptar u qabel ma rega mar lura barra, jidher li hu ma kellu xejn x’idejqu fis-servizz fl-Isptar. Almenu ma jidhru ebda ilmenti dokumentati f’dan is-sens fil-process f’dak iz-zmien u l-konvenut ma hassx li kellu jirrizenja minhabba t-tip ta’ servizz li kien qed jinghata l-Isptar San Luqa. Dan is-servizz ma hzienx f’daqqa  appena l-konvenut gie lura Malta.  Meta l-konvenut gie impjegat mill-attur hu kien jaf x’kienu l-kondizzjonijiet u f’liema parametri  kien se jahdem u kif kienu qed jahdmu t-tobba l-ohra shabu.

“Jirrizulta li dawn l-ilmenti bdew jitfaccaw meta gie konfermat lilu li jekk jirrezenja qabel jaghlqu l-hames snin, hu setgha jehel is-somma ta’ Lm5,630. Kien biss wara l-ittra tat-2 ta’ Marzu 1993 (fol 37) li dawn l-ilmenti tfaccaw, u proprjament f’Settembru 1993 meta kiteb l-ittra li tinsab a fol. 43.

“Il-konvenut jghid li dan mhux minnu ghax kieku ma kienx idum sas 7 ta’ Frar 1994 biex jirrezenja. Hu jghid li l-ittra ta’ Marzu 1993 kellha sfond ta’ akkaduti li baqghu jippersistu: isemmi l-kaz ta’ *indirect Ophtahalmoscope* fil-Polyclinic tal-Furjana fit 8 ta’ Jannar 1993; il-kaz tal-*Fibre Optic Cable* ukoll fil-*clinic* tal-Furjana fit-18 ta’ Jannar 1991 u l-kaz tal-*Cross Cylinder* fil-Polyclincs tal-Gzira u l-Furjana –f’Novembru 1992. Ighid li l-fatt li l-ilmenti l-ohra ma gewx dokumentati permezz ta’ ittra ma jfissirx li dawn l-ilmenti qatt ma kienu jezistu.

"Il-Qorti pero’ tirrileva li ghalkemm setgha jaghti l-kaz li kien hemm dawn l-avvenimenti li semma l-konvenut, kien biss f’Settembru 1993 li l-konvenut hass il-bzonn li jikteb dwar dawn l-ilmenti.

"Il-konvenut kien dahal lura ghax-xoghol f'Ottubru 1993 u wara 5 xhur diga beda jindaga x'jehel jekk jirrezenja qabel iz-zmien.

"Ghalkemm mhux eskluz li fl-Isptar u fil-*polyclincs* hemm nuqqasijiet, u kulltant anke nuqqasijiet serji, dan ma jfissirx li wiehed hu ntitolat li ma jaghtix is-servizz li jkun intrabat li jaghti jew li jhedded li jirrezenja jekk l-affarijiet ma jittrangawx kif irid hu. Kif gie notat ma jirrizulta li fl-ebda stadju l-konvenut m'ghamel rapport bil-miktub u dokumentat lill awtoritajiet koncernati dwar l-incidenti li hu jsemmi fl-affidavit tieghu. Kif xehed Dr. R. Busutill, mir-*records* ta' l-isptar ma jirrizultaw ebda rapporti.

“Dr. Ray Busutill xehed dwar xi lmenti li l-konvenut isemmi fl-ittra tieghu ta' Settembru 1993 u jghid li dwar *promotion* ma kien hemm xejn fil-kuntratt li jghid li l-konvenut kien intitolat ghal *promotion* u semai l-prassi kienet li trid tohrog *call for applications* imbaghad dak li jkun japplika. Jidher li dan kien ilment min ta' l-ewwel fil-lista ta' ilmenti tal-konvenut kif jidher mill-ittra imsemmija a fol. 48. Il-konvenut pero' kien jaf x'kienet il-posizzjoni tant li jghid li Dr. Soler kien jirrepetilu li “meta tigi lura tippretendix li se tilhaq xi konsulent.” Fol. 107. Dwar liema xoghol il-konvenut kien jinghata l-Isptar jew barra, Dr. Busutill jghid li dan kien jiddependi mid-Direttur tad-Dipartiment li jkun jaf l-esigenzi tad-Dipartiment aktar minnu.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut naqas mill-obbligu kontrattwali li jaghti servizz lill Gvern kif kien intrabat li jaghti. Il-konvenut ma kienx mgieghel mill-attur jirrizenja, imma li gara kien li meta l-konvenut ma dahalx ghax xoghol u ha l-*vacation leave* kollha u ma rritornax, l-attur hadha li l-konvenut kien irrezenja u ghalhekk talbu biex jikkonferma dan formalment kif fil-fatt ghamel bl-ittra a fol. 39.

“**Rifuzjoni ta' flus imhallsa**

“L-attur issottometta li mill-kuntratti li l-konvenut kien iffirma jirrizulta li hu ghandu jirrifondi dak li gie mhallas lilu (flus moghtija u *paid study leave*) ghax irrizenja mis-

servizz qabel iz-zmien. L-attur jirritjeni li jekk sar xi zball minn xi mpjegat tal-Gvern dwar ic-cifra li kellha titthallas, dan ma jbiddel xejn min dak li ffirma ghalih il-konvenut fil-kuntratti.

“Il-konvenut issottometta li d-Dok MB 4 fol. 101 li fuqu l-attur qed jibbaza l-pretenzjoni tieghu bl’ebda mod ma jiggustifika l-pretenzjoni attrici taht l-att pubbliku tat-12 ta’ Dicembru 1986. Dan id-dokument ma jispjegax il-pretenzjoni attrici taht il-kuntratt tat-30 ta’ Marzu 1989 meta l-imsemmi dokument jindika Lm10,843.37.7 mentri d-Dok BG4 isemmi Lm4,820. Ikompli jghid il-konvenut li l-attur qatt ma spjega ghaliex l-ammont ta’ Lm5,603 hu zbaljat u dak ta’ Lm11,365.37.7 hu korrett u lanqas ma tah spjegazzjoni kif wasal ghalih. Fl-aghar ipotesi, il-konvenut jghid li l-aktar li jista’ jigi kkundannat li jhallas hu Lm5,603.

“Fl-ittra tieghu tat-2 ta’ Marzu 1993 (fol. 37) il-konvenut kien talab lis- CGMO “*What the penalty is should I decide to resign prior to the five years*”, u kien irceva risposta minghand S. Lautier ghas- CGMO li infurmah li “*according to our records, you are bound to serve the Government for a period of five years from the date of your resumption of duties with this Department ( i.e. 13th October 1992) against a penalty of Lm 5,603.*” (fol. 38).

“F’dak l-istadju l-konvenut kien qed semplicement jitlob informazzjoni minghand il-Gvern dwar x’setgha jehel kieku rrizenja qabel iz-zmien. Kollox kien qed jinghad bla pregudizzju, u f’dak l-istadju l-konvenut kien qed jesplora biss is-sitwazzjoni, u ma kien accetta xejn. Ma kienx il-kaz li l-partijiet kienu se jittransigu xi kawza. Id-Dipartiment tah dik il-figura lill konvenut, izda dan ma kompliex jivverifika biex jara x’kienet tikkomprendi dik is-somma u kif id-Dipartiment wasal ghaliha. F’dak l-istadju l-partijiet ma kienu waslu ghal ebda ftehim jew rabta bejnithom. Is-somma li giet indikata kien ghad trid tigi negozjata u anke jekk sar xi zball fil-kalkolu tas-somma kienu ghadhom fil-hin li dina tigi jitranga qabel ma jigi konkluz xi ftehim. Hu permess mill Ligi li zball fil-kalkolu jigi rrangat anke meta jintlahaq ftehim (ara Art 1735 tal-Kap 16).

"Meta imbaghad il-konvenut irrezenja l-attur hadem ezattament x'kien dovut mill-konvenut billi dan ma kompliex jahdem mal-Gvern u l-figura wasslet ghal ammont dettajatament indikat fil-dokument a fol. 101. Il-konvenut kien jaf li jekk jonqos kellu jhallas "*all or any part of the expenses incurred by the Government on his behalf and in connection with the scholarships*". Is-somma kienet tinkludi n-numru ta' xhur li l-konvenut ma hadimx. Hu hadem 4 xhur minn tnax fuq l-ewwel kuntratt u 13 il-xahar minn hames snin fuq it-tieni kuntratt. B'kollox l-ammont dovut kien ilahhaq Lm11,365.37.7 (fol 101).

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors, talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkundannah ihallas lill-attur appellat is-somma ta' Lm5,603 u mhux Lm11,365.37,7 u dan bl-imghax mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma *in toto* is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha kontra l-appellant;
Semghet lill-abbili difensuri tal-partijiet jitrattaw ezawrentement l-appell fl-udjenza tal-1 ta' April 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

F'din ill-kawza l-attur qed jitlob rifuzjoni tas-salarju imhallas lill-konvenut konsegwenzjali ghall-fatt illi dan tal-ahhar, wara li ntbaghat mill-Gvern ta' Malta ghall-korsijiet ta' studju barra minn Malta, naqas, meta gie lura, li jaghti lill-Gvern is-servizz li kien wieghed li jaghti. Il-konvenut ikkontesta l-kawza billi allega li r-rizenja tieghu minn mac-civil kienet rizultat ta' atteggjament negattiv fil-konfront tieghu da parti tal-amministrazzjoni ("constructive dismissal"), u f'kull kaz, allega li ma kellux jigi kkundannat ihallas aktar minn Lm5603, peress li qabel ma rrizenja,

kien kiteb lid-dipartiment tas-sahha u staqsa x'kienet tkun ir-responsabbilita` tieghu f'kaz li jirrezenja; hu ircieva twegiba fis-sens li "you are bound to serve the Government of Malta for a period of five years from the date of your resumption of duties with this department against a penalty of Lm5603" (ara fol. 38).

L-ewwel Qorti cahdet iz-zewg lamentali tal-konvenut wara li qieset li ma rrizultax pruvat li l-konvenut gie mqieghed f'sitwazzjoni fejn kellu jirrizenja, u li l-figura kwotata ta' Lm5603 inghatat bi zball, u ma tippregjudikax id-dritt tal-attur li jitlob refuzjoni ta' dak verament imhallas ghall-korsijiet li ha l-konvenut.

Il-konvenut ressaq appell mhux dwar ir-raguni tar-rizenja tieghu, izda biss fuq il-quantum li gie likwidat kontra tieghu. Hu jsostni li la darba ufficcjal tal-Gvern illimita r-responsabbilita` tieghu ghal-Lm5603, ma jistax jitlob aktar; f'kull kaz, l-attur ma ggustifikax il-pretensjoni tieghu ghas-somma ta' Lm11,356.37,7.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara li kellu jkun ovvju ghar-rikorrent li l-figura ta' Lm5603 kienet wahda zbaljata. Hu kellu obbligu li jirrifondi s-salarju li rcieva tul iz-zmien kollu li dam barra biex ikun jista' jattendi ghall-korsijiet li ntbghat jaghmel. Kien jaf x'qed jircievi u kien jaf x'kellu jirrifondi f'kaz li ma jonorax il-ftehim. Hu kien obbligat li, wara li jtemm il-kors, jibqa' jahdem ghall-hames snin ohra mal-Gvern, altrimenti jkollu jirritorna s-salarju – jew proporzjon tieghu – li baqa' jircievi waqt li kien fuq il-kors. Kien jaf x'salarju kien ircieva u, qabel ma rrizenja, kien jaf kemm kien lahaq hadem mal-gvern; b'hekk l-ammont ta' rifuzjoni seta' jasal ghaliha b'semplici kalkolu matematiku u m'ghandux jithalla japprofitta ruhu minhabba zball ta' ufficcjal adett mad-dipartiment.

Interessanti l-kawza **Spiteri v. Mifsud**, deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-28 ta' April, 1998, li kienet ukoll tikkoncerna zball fil-kalkolu ta' dak dovut lill-attur. L-attur f'dik il-kawza ghamel xoghol ta' appalt lill-konvenut u meta lesta, il-perit kejjillu x-xoghol, hareg kont u l-konvenut hallas "in full and final settlement". Wara xi

zmien l-attur induna li l-perit kien ha zball u ma kienx kejjillu x-xoghol kollu li ghamel, u l-perit hariglu kont iehor bhala zieda tal-ewwel kont. Talba ghall-hlas ta' dan il-kont addizzjonali giet milqugha, ghax altrimenti l-konvenut jaghmel gwadan ingust.

F'din il-kawza, sar ukoll zball minn ufficjal governattiv izda ma sar ebda hlas, lanqas ghas-saldu, tas-somma indikata erroneament lill-konvenut, u kwindi, aktar u aktar ghandu japplika l-principju li l-beneficcjarju m'ghandux japprofitta ruhu minn zball ovvju li sehh f'ittra, li lanqas ma tista' titqies li "ddeterminat" ir-relazzjoni bejn il-partijiet.

Ghar-rigward tat-tieni ilment tal-konvenut appellant, din il-Qorti tara li l-figura ta' Lm11,356.37,7 hija ben spjegata mill-attur mid-dokumenti li gew minnu prezentati fil-kors tas-smigh tal-provi mill-ewwel Qorti. Il-workings relattivi huma spjegati b'mod car (kif jirrizulta anke mid-deposizzjoni ta' Dr Ray Busuttil tas-7 ta' Frar 2005, fol. 90 *et seq.*), u ma jirrizultawx "asserzjonijiet kontradittorji" ta' xi riliev. Fil-fatt, jista jinghad ukoll li meta l-konvenut ressaq l-ilment tieghu ghall-konsiderazzjoni tal-Omubudsman (qabel ma fetah dawn il-proceduri), dan tal-ahhar (ara fol. 59 *et seq*) qal mhux biss li l-konvenut kien jaf x'kellu jirrifondi f'kaz li jirrizenja mill-Gvern wara li jtemm il-kors, izda indika wkoll li l-figura ta' 'l fuq minn Lm11,000, bhala somma, kienet gustifikata: "The new sum requested is a proportion of the number of months not worked as against the total service Dr. Bonnici was bound to give. He had only worked 4 full months out of the 12 months from the first contract and only 13 full months out of five years from the second contract" (Fol. 62). Ma giet registrata ebda nuqqas fil-kalkoli li wasslu ghall-figura ta' Lm11,365.37,7.

Kwindi, din il-Qorti ma tarax li l-ilmenti tal-konvenut jimmeritaw li jkunu milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------